MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2007

Numru. 501/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**Vs**

**MAHMOUD FARAG ELMAMI , imwieled Benghazi, Tripoli fit-22 ta' Settembru 1983 detentur tal-passaport numru 122076/Benghazi/22 ta' Frar, 2002 u ta' minghajr indirizz fiss.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Mahmoud Farag Ali Elmani li permezz taghha huwa gie akkuzzat talli:

1. talli fid-9 ta' Gunju 2007 ghal habta tas-2:00a.m. f'PacevilleSan Giljan attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza, jew b'hebb ta' xorta li ma tiqiesx bhala vjolenza pubblika, kontra PS 1594 B.Caruana, PC593 R. Attard

Flores u WPC 270 C.Polacco, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita kompetenti u dana bi ksur ta'l-artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebb kontra persuna imsemmija hawn fuq sabiex jingurjahom, iddejjaqhom jew jaghmillhom hsara lilhom jew lil haddiehor kemm il-darba il-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali u dana bi ksur ta'l-Artikolu 339(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. u aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi ikkaguna feriti hfief fuq l-istess persuni imsemmija hawn fuq kif iccertifikat mit-Tabib M. Caruana M.D. tal-Gzira health centre u dana bi ksur ta'l-artikoli 221(1) u 222 (1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
4. u aktar talli fl-istess data ghal habta tal-11 a.m. fl-isptar San Luqa meta kien taht arrest tal-pulizija ghamel harba semplici mill-kustodja tal-persuna inkarigata mill-kustodja tieghu u dana bi ksur ta'l-artikolu 151 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. u aktar talli fl-istess data ghal habta tal-11:00a.m. fl-isptar san Luqa ghamel hsara involontarja ta' madwar Lm80 fuq il-vettura li ghandha in-numru tar-registrazzjoni GVN-014 ta'l-ghamla Mercedes u dana ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta
6. u aktar talli fl-istess jum ghal habta tas-2:00a.m. ghamel hsara involontarja ta' madwar Lm5 fuq l-uniformi tas-Surgent B. Caruana u dana gahd-detriment tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghet il-provi.

Semghet illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana anke wara illi l-Qorti tghatu zmien sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl ta'l-ammissjoni maghmula mill-imputat f'dana l-istadju tal-proceduri il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Illi dwar piena il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputat jidher illi ghandu fedina penali netta u li dana kien incident uniku fejn l-imputat jidher illi tilef xi ftit il-kontroll ta'l-azzjonijiet tieghu minhabba il-biza li kellu peress illi kien jinstab Malta minghajr il-permessi necessarji. Inoltre jidher illi l-imputat ser jigi deportat f'qasir zmien minhabba dana il-fatt.

Il-Qorti, ghaldaqstant qieghda taqta' u tiddeciedi billi fuq ammissjoni ta'l-imputat u wara li rat l-artikoli 96, 151, 221(1), 222(1)( c ), 339(d) u 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Mahmoud Farag Ali Elmani hati ta'l-akkuzi u qieghda tikkundannah ghal perjodu ta' prigunerija ta' ghaxar xhur li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9, dana il-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti qieghda inoltre, b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati sabiex ihallas id-danni ikkaggjonati lill-Gvern ta' Malta u lill-Kummissaju tal-Pulizija u dana fl-ammonti ta' Lm80 u Lm5 rispettivament u dana fi zmien xahar mil-lum.

Il-Qorti, a tenur ta'l-artikolu 403(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda tordna illi l-atti flimkien ma' kopja ta' dina s-sentenza jigu mibghuta lill-Avukat Generali ai termini ta'l-artikolu 401(3)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------